**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Novembru, 2015**

Talba Nru: 341/2015JB

Numru: 6

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***vs***

**Kenneth Xuereb (K.I.: 14176M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar l-4 ta' Mejju 2015 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, tmien mija u hamsin euro u erbgha u tletin centezmu (€1,850.34) bilanc ghad-debitu fuq il-*loan account* tieghu mas-Socjeta Attrici oltre ghall-imghax ulterjuri mis-16 ta' Jannar 2015 sal-jum tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 5 ta' Jannar 2012;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-10 ta' Gunju 2015 meta t-Tribunal awtorizza li n-notifika ssir bil-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni stante li sa dak in-nhar il-Konvenut kien ghadu mhux notifikat bl-atti relattivi;

Ra l-atti minn fejn jirrizulta li l-Konvenut gie debitament notifikat bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh relattivi;

Ra li ghad li gie debitament notifikata bl-atti, il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment fil-waqt li ghas-seduta tal-lum, deheru biss rapprezentant tas-Socjeta Attrici u l-avukat difensur taghha u l-pretensjoni attrici giet konfermata bil-gurament;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata'*

*sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita għas-smigħ tal-kawża, id-disposizzjonijet li ġejjin għandhom jgħoddu:
>
> (b) jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u ddisposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut kien notifikat bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh u naqas sija milli jipprezenta risposta kif ukoll naqas milli jidher ghas-seduta. Mill-banda 'l ohra, is-Socjeta Attrici, permezz tar-rapprezentant taghha, li xehdet bil-gurament, irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ikkunsidra;

Illi fejn jirrigwarda l-imghaxijiet pretizi, it-Tribunal jinnota li fit-talba prezentata fl-4 ta' Mejju 2015 hemm komputat l-imghax kif jirrizulta mill-prospett a fol 2 prezentat mal-Avviz tat-Talba. Isegwi ghalhekk li l-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-kawza 'il quddiem ghandhom jghaddu fuq il-kapital biss u cjoe fuq is-somma ta' elf, mitejn u tnejn u hamsin euro u sitta u ghoxrin centezmu (€1,252.26);

Ghalhekk, gjaladarba t-Tribunal iqis li l-ammont pretiz gie sufficjentement ippruvat, se jghaddi sabiex jikkundanna lill-Konvenut anke biex ihallas l-ispejjez u l-imghaxijiet bil-mod kif fuq inghad;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €1,850.34 bl-imghax legali skond il-ligi fuq il-kapital biss u cjoe fuq is-somma ta' €1,252.26. L-ispejjez tal-proceduri, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 44/2012 ipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*